# XRAR

Ta' J. P. Vassallo

Għal għaxar snin kont ommi,
    Għal għaxar snin missieri,
Għal erbgħin sena marti,
    Ħames snin sinċieri.
Għadda maħrub iż-żmien:
    Għal ħames snin kont JIEN

* * *

Kien twajjeb, miet miskin u kiseb il-mistrieħ.
Il-kelba għadha tnewwaħ: ħaddieħor ġa insieh.

* * *

Tisma' bil-qiegħda l-priedka — kollha għajnejn, widnejn,
It-tieba tagħha ddawwal fejn ma tifhem xejn.

* * *

Mqajjem: xidja, mqit, misħut, sabi ħażin.
Rieqed: b'rasu fuq driegħu donnu anġlu fin

* * *

Kien sid qalil u ħadd ma sata' bih.
Mejjet jinsab: ma nafx min sab mistrieħ

* * *

Bla ħerqa jħarsu ż-żgħażagħ, ħadd ma jagħti kas,
Ħadd ma jkemmex xofftu u ħadd ma jċaqlaq ras
Jaqilbu l-għajn il-kbar, joħorġu l-kundanna:
Insew ix-xjuħ il-ġnien, l-għadira u Susanna.